MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.<br>MICHAEL MALLIA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 532/2003

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd (C 22065)**

**vs**

**Duda Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm2,630.91) rapprezentanti prezz ta' merci konsistenti f'ikel mibjugha u konsenjati lis-socjeta' konvenuta ghal *M.Y. Princess Duda* mis-socjeta' attrici u skond kif jidher fuq il-prospett anness u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra legali mibghuta fl-4 ta' Awissu, 2003, anness bhala Dok. B, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-2 ta' Dicembru, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------